MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-25 ta' April, 2012

Talba Numru. 32/2012

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Jannar 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija hamsa u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€575.25) inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, rapprezentanti bilanc dovut mill-istess socjeta konvenuta lis-socjeta attrici bhala prezz ghall-provvista u installazzjoni ta' tabelli u insinji maghmula mill-istess socjeta attrici lis-socjeta konvenuta skont ir-relattivi fatturi datati 25 ta' Mejju, 2011 u 6 ta' Lulju, 2011 rispettivament (*bin-numri 82900 u 83010*), u kif ukoll l-imghax gia dekors skont l-istess fatturi fuq l-istess bilanc. Bil-ispejjez tal-kawza u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament tieghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm s-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas dehret ghas-seduti tat-12 ta' Marzu 2012, la fis-seduta tat-12 ta' April 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tat-12 ta' April 2012 u filfatt is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija hamsa u sebghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€575.25) flimkien mal-imghax mis-6 ta' Lulju 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------